**Nindirizzaw il-problema tar-riskju tal-kancer fl-imsaren mill-aktar fis**

L-Assocjazzjoni ghad-drittijiet tal-Konsumatur tinsab imhassba bir-rizultati tar-ricerka ta' l-esperti tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Sahha (WHO), fejn instab li laham ipprocessat jista' jwassal ghal kancer tal-imsaren fil-bniedem, waqt li anki laham ahmar jista jkun ukoll kagun ta' din il-marda. Huwa stmat li ma kull porzjon ta' 50 gramma ta' laham ipprocesat, ir-riskju ta' kancer fl-imsaren jizdied bi 18%

Dan l-istharrig ghandu jigi ikkunsidrata bhala serju hafna fejn tidhol is-sahha ta' l-individwi. L-Assocjazzjoni qeghda tistenna linji gwida ta' prekawzjoni mid-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Sahha, bhala l-ewwel passi li ghandhom jittiehdu

Sadanittant, l-Assocjazzjoni tkompli tigbed l-attenzjoni ta' l-importanza ta' stil ta' hajja b'dieta bilancjata li fiha tinghata aktar importanza tal-konsum ta' frott u haxix biex innaqqsu ir-riskju ta'mard tal-qalb u hxuna zejda minn eta'zghira. Malta ghandha rata gholja ta' mard tal-qalb u obezita' u hadd m'ghandu jkun irresponsabbli fic-cirkostanzi prezenti ta' riskju ta' kancer fl-imsaren u jinjora x'qed tghid l-WHO kif sfortunatament qed jinghad fuq il-midja socjali

L-Assocjzzjoni tinghaqad ma' organizzazzjonijiet ohra u individwi ghas-sejha biex isir dibattitu nazzjonli mill-aktar fis, immexxi mid-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Sahha, esperti tas-sahha f'dan il-qasam kif ukoll mill-produtturi ta' l-industija tal-laham biex nindirizzaw fil-pront u b'mod effettiv dan ir-riskju li mhux biss jeffetwa lilna l-adulti imma wkoll lit-tfal u liz-zghazagh taghna

***Grace Attard, Segretarja Generali tal-Assocjazzjoni ghad-drittijiet tal-Konsumatur***